# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' April, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 1040/00mm**

**Atlas Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Sr. Mary Grace Calleja abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Ligi, u l-istess Sr. Mary Grace Calleja**

**Vs**

**Angelo Farrugia**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrcii ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm841.39) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni fil-vettura tal-assigurata taghhom numru BAF 945, kawzati b'rizultat tal-kollizzjoni li sehhet fit 3 ta' Novembru, 1998, f'Hal Lija meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura DBY 363, li ghalihom is-socjeta' attrici gia hallset u l-excess soffert mill-attrici l-ohra, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10,  tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u tal-ittra legali tas-26 ta' Gunju, 2000, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta’ Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.